Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 159/2013

Il-Pulizija

[Spettur Ramon Mercieca]

Vs

Victor Attard Portughes

Illum, 25 ta' Frar, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Victor Attard Portughes, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 109966M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Sting 1 Cleaners Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru.XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud (3) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li sar dovut fil-perjodu li ntemmu fil-31 ta' Mejju, 2008 sat-30 ta' Novembru, 2008 u dan bi ksur ta' l-artikolu 27, artikolu 66, u artikolu 76 (c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fiz-zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta' mhux inqas minn hames ewro u mhux iktar minn ghoxrin ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-4 ta' April, 2013, fejn il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u cahdet ukoll l-eccezzjoni tan-nullita tac-citazzjoni, wara li rat l-artikoli 27, 66, 76(c) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€ 900.00).

Il-Qorti, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mill-llum jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Victor Attard Portughes, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' April, 2013, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-imputat minn kwalunkwe imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. L-ewwel aggravju jinsab fil-fatt illi l-akkuzi kollha kienu diga` preskritti skond il-ligi u ma seta qatt l-imputat jigi hati taghhom;

Illi fil-fatt artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghti terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn ghal-delitt li huwa suggett ghall-piena ta' multa, "*Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xorta ohra, l-azzjoni kriminali taqa` bi preskrizzjoni – (e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*" u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Vaur Mizjud (Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta), ghalkemm jiddeskrivi r-reati u pieni taht dak l-att, ma jsemmix perijodi ta' preskrizzjoni. Ghalhekk huwa l-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li japplika ghall-kawza premessa u peress illi r-reati sehhew fis-sena 2008, l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat huma preskritt skond il-ligi. Il-preskrizzjoni hija meqjusa bhala parti sostantiva fil-kamp kriminali u ma jistghax jinghad illi dawn it-tipi ta' reati mhumiex preskrivibbli minhabba li huma kklassifikati bhala permanenti, kif iddecidiet l-ewwel qorti.

Ir-reat in kwistjoni jiddefinixxi ruhu billi hekk kif taghlaq il-gurnata li fiha suppost ikunu dahlu l-formoli tat-taxxa ikun gie kompjut ir-reat u fil-fatt ghal dak il-fatt biss l-ewwel Qorti wahhlett lill-imputat multa ta' 900 euro. Il-fatt li hemm ukoll piena gornaliera ma jnaqqas xejn mill-fatt li r-reat innifsu huwa wiehed komplut. Ghalhekk ir-reat in kwistjoni mhuwiex wiehed permanenti u ghalhekk certament li fil-kaz odjern giet kompluta l-preskrizzjoni ta' sentejn minn meta kellhom jidhlu l-formoli. Pero` minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsijasi kaz anke li kieku kellu jinghad li r-reat in kwistjoni mhux wiehed istantaneu, is-sentenza tal-ewwel qorti xorta wahda bir-rispett hija zbaljata billi fl-aghar ipotesi r-reat in kwistjoni jkun wiehed kontinwat u mhux permanenti.

2. Illi fit-tieni lok bir-rispett kollu l-imputat kellu ragun isostni li l-akkuza m'hijiex cara stante illi taqra hekk: '*naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud (3) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li sar dovut fil-perjodu li ntemmu fil-31 ta' Mejju, 2008 sat-30 ta' Novembru, 2008*' Mid-dicitura tieghu dan il-kliem jindika illi suppost l-akkuza kellha tkun

dwar perjodi li ntemmu f'dati partikolari, izda imbghad tghaddi biex tindika perjodu minn data sa ohra, u ghalhekk mhux car jekk l-akkuza hix qed issir ghal-perjodu ta' taxxa minn guranta partikolari sa gurnata ohra jew inkella ghal perijodi ta' taxxa li ghalqu f'gurnata partikolari u f'kaz li tal-ahhar liema huma dawk il-perijodi, ghaliex kif irrizulta anke mix-xhieda mhux car jekk l-akkuza tolqotx zewg perijodi ta' taxxa jew tlieta billi perijodu minnhom jaghlaq fil-31 ta' Mejju, 2008, izda jibda qabel. B'hekk l-akkuza mhix sodisfacentement cara u ggib in-nullita' tal-att tal-akkuza.

Illi barra minn dan, l-artikolu 360(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tindika x'ghandu jkun fiha c-citazzjoni '*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularijiet taz-zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw*' Ghalhekk huwa car illi dan ma giex rispettat fil-kaz in ezami u dan ta' pregudizzju lill-akkuzat. Illi c-citazzjoni ghandu jkollha dawn id-dettalji msemmija fil-ligi sabiex l-imputat ikun jaf ezattament ghal xiex qieghed jigi akkuzat u dan principalment sabiex ikun jista` jiddefendi ruhu sew, minbarra funzjonijiet ohra bhal l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ir-ragunament wasslet ghailh il-Qorti fis-sentenza il-Pulizija v Arthur S Mortimer A. & C.E. li dahlet fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Ligijiet ta' Malta introdott fin-1911.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq zewg ilmenti kontra d-decizjoni impunjata. L-ewwel wahda tolqot il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali intentata fil-konfront tieghu u dan meta huwa naqas milli jissottometti id-denunzji tat-taxxa dwar il-valur mizjud ghall-perijodu indikat fl-akkuza flimkien mal-hlas relattiv ghall-istess. Jishaq illi ir-reat huwa ikkunsmat fil-mument illi huwa jonqos milli jipprezenta id-denunzji relattivi lill-Kummissarju fit-terminu moghti fil-ligi u kwindi ghandha tapplika il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta'l-artikolu 688(e) tal-Kap.9.

Illi mal-ewwel din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-appellanti ma ghandux ragun. Ma hemmx dubbju illi hekk kif id-denunzji tat-taxxa ma jigux sottomessi ghal

perijodu relattiv, flimkien mal-hlas relattiv, issir l-infrazzjoni tal-ligi, izda tibda fis-sehh l-istat ta' illegalita li jintemm biss hekk kif isiru dawn id-denunzji u t-taxpayer ighaddi lill-Istat il-gbir fiskali li huwa ikun ghamel fil-kors tan-negozju tieghu u cioe' meta huwa ighaddi dawk il-flus mghoddija lilu mill-konsumatur lill-gvern bhala taxxa. Diment illi dan jibqa' ma ighamlux, jibqa' jipperdura l-istat ta' illegalita'. F'dan il-kaz, allura wiehed ma jistax jitkellem dwar preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni tibda' tiddekorri biss mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat u dan fit-termini ta' dak stabbilit fl-artikolu 691(1) Kap.9.

**"... u ghalhekk il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali kontra l-hati ta' dan in-nuqqas ma tibdiex tiddekorri sakemm ir-reat ikun ghadu fi stat ta' konsumazzjoni, u sakemm il-hati ta' dan in-nuqqas ikun ghadu fil-pozizzjoni li jwaqqaf l-istat antiguridiku kreat bl-ommissjoni tieghu[1]"**

Illi ma hemmx dubbju illi fir-reati dwar lezjoni ta'l-obbligi fiskali naxxenti mit-taxxa dwar il-valur mizjud, l-istat anti-guridiku kif imfisser mill-kompjant Imhallef Harding jiba' jippersisti kemm il-darba id-denunzji ghal perijodu indikat fl-akkuza jibqghu ma jigux sottomessi lill-Kummissarju tant illi l-ligi tipprevedi penali gjornaljera ghal kum jum li fih il-ksur ikompli jippersisti. Huwa inutli ghalhekk illi l-appellanti jipprova jaghti sembjanza ta' istantanjeta lil dan ir-reat meta l-aspett guridiku tieghu certament jeskludieh.

Di piu l-argument imressaq minnu illi fl-aghar ipotezi ir-reat li dwaru hu gie misjub hati jitqies bhala reat kontinwat huwa ukoll minghajr bazi legali. Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe',
(1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi;
(2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;

(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

---

[1] Il-pulizija vs Angelo Spiteri per Imhallef William Harding - App.Inf 13/05/1961

Fuq kollox:

**"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[2]"**

Illi huwa bil-wisq evidenti illi r-reat in dizamina ma jaqax taht din id-definizzjoni billi dan ma hux il-kaz ta' diversi infrazzjonijiet izda ta' infrazzjoni wahda li baqghet tipperdura u kwindi dan l-aggravvju imressaq mill-appellanti qed jigi rigettat.

Illi jifdal biex jigi trattat it-tieni aggravvju sottomess mill-appellanti koncernanti n-nullita tac-citazzjoni billi fiha ma hemmx indikat bic-car in-natura ta'l-akkuza migjuba kontra tieghu. Illi din il-Qorti tqies illi ir-ragjonament milhuq mill-Ewwel Qorti kien wiehed guridikament korrett u ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-istess.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellanti jirrizulta illi l-partikolarijiet tieghu gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda

[2] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

dubbju dwar l-identita tieghu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsabu akkuzati bihom fl-imsemmija tahrika u cioe' n-nuqqas li jottempera ruhu mal-obbligi fiskali tieghu billi jissottometti d-denunzji tat-taxxa dwar il-valur mizjud u il-hlas relattiv ghal perijodu indikat car u tond fl-akkuza.

Illi di piu' gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi c-citazzjoni mahruga fil-konfront tal-persuna akkuzata ghandha l-funzjoni ta' avviz ghad-dehra ta' dik il-persuna imsejha biex twiegeb ghal xi fatt inkriminati. Illi meta allura l-appellanti laqa' dik in-notifika u wiegeb ghas-sejha lilu maghmula, il-funzjoni tal-*avviso da comparire* gie ezawriet anke jekk tali avviz ma ikunx ghal kollox car fid-dettalji imfissra fih. Galadarba l-imputat ikun wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni, kif inghad il-funzjoni principali ta' l-istess citazzjoni tkun intlahqet. Fil-kaz ta' **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** (13/01/1995) inghad in partikolari hekk:

**"Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu zbaljati, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' 'avviso a comparire', twettqet u giet ezawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti…. ."**

Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament gurisprudenzjali dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur